MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 511/2006/2

**Dolores mart Anthony Abela, Angiolina armla ta' Moses Grech, Maria Lourdes mart Paul Galea, Liliana Stivala, Eva Spagnol u Maria Stella Schembri; u b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2007 il-ġudizzju għadda fil-persuna ta' Joseph, Mario, Carmelo, David, Frankie u Jane Farrugia, aħwa Abela, mill-persuna ta' ommhom l-attriċi Dolores**

**Abela minħabba l-mewt tagħha waqt li kienet miexja l-kawża**

***v.***

**Vincent Gusman, Tessie Spagnol, Mario Gusman, Eugenio Gusman, Anthony Gusman, Sandra Debono, Maria Stella Ellul, Josephine Gouder, Carmen Agius, Raymond Gusman, u Marthese *sive* Martina Cassar**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Frar 2014, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenuti jgħidu illi applikat il-liġi ħażin (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi kienu fetħu l-kawża biex jitolbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-utli dominju ta' proprjetà immobbli fil-Marsa kienet inkisbet mill-awtur tal-konvenuti bħala *prestanome* fl-interess tal-awtur tal-atturi, tikkundanna lill-konvenuti jaqilbu l-proprjetà għal fuq isem l-atturi. L-ewwel qorti b'sentenza tal-25 ta' Mejju 2010 laqgħet it-talbiet tal-atturi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija l-azzjoni *mandati directa*. L-atturi, bħala werrieta ta' Pawlu Mercieca, iridu li art li nkisbet minn missier l-imħarrkin b'kuntratt ta' subenfitewsi li ma tagħlaqx kienet fis-sewwa nkisbet f'isem l-awtur tagħhom, Pawlu Mercieca u mhux mill-istess missier l-imħarrkin għalih. Billi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li wieħed miż-żewġ *garages* li nbnew fuq l-imsemmija art kien tagħhom, l-atturi jridu li dak il-*garage* jiġi lura f'idejhom;
>
> "Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ... ... ...qalu li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi għaliex l-art li nxtrat ... ... ... inkisbet minn missierhom f'ismu u mhux f'isem ħaddieħor. ... ... ...;

"Illi mill-atti tal-kawża joħorġu l-fatti li ġejjin. F'Mejju tal-1960, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, Carmelo Gusman kiseb mingħand Anthony Camenzuli b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa porzjoni maqsuma ta' art fil-Marsa magħrufa bħala *Ta' Lombardi* tal-kejl ta' madwar mija u disgħin qasab kwadri (190 $q^2$)u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftiehma, fosthom dik li Gusman intrabat li, fi żmien sentejn mill-kuntratt, itella' fuq l-art benefikati b'kemm jiswew elf u tliet mitt lira (£1,300). Kien intrabat ukoll b'ipoteka ta' ħwejġu kollha u għabba l-art bi privileġġ favur Camenzuli għall-ħlas puntwali taċ-ċens. Fl-1961 fuq l-imsemmija art inbniet remissa li ssemmiet *St Paul Garage* u li tagħti fuq triq pubblika. Bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, inbniet remissa oħra tmiss mal-ewwel waħda. L-ewwel waħda żammha Pawlu Mercieca (ħu l-mara ta' Gusman) u l-oħra żammha Carmelo Gusman li, f'Jannar tal-1963, bigħha lil Francis Gomez Blanco. Carmelo Gusman bena ż-żewġ remissi u kif ukoll l-arja ta' fuqhom għaliex hu kien bennej. Kienu għenuh ibnu Vincent u Joseph Abela, wieħed mill-atturi. Il-prezz tal-bini tar-remissa *St Paul Garage* tħallas minn Pawlu Mercieca u għenitu wkoll oħtu Ċetta, li kienet xebba, u li ħalliet sehemha mill-istess remissa b'legat fi proprjetà sħiħa lill-attriċi Anġolina Grech;

"Illi Gusman kien miżżewweġ lil Antonia mwielda Mercieca (omm l-attriċi Angiolina Grech), oħt l-imsemmi Pawlu Mer`ieca, iżda wara li romol iżżewweġ lil oħtha Francesca Saveria (omm l-imħarrkin). Pawlu Mercieca miet għażeb u intestat f'Awissu tal-1987. Id-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu ressaqha l-istess Carmelo Gusman f'Ottubru, 1987, u fost il-ġid tal-mejjet semma l-*garage* mertu tal-każ. Carmelo Gusman miet, mingħajr testment, fid-9 ta' Diċembru tal-1997, u d-dikjarazzjoni *causa mortis* saret f'April tal-1998;

"Illi meta nkisbet l-art b'sub-enfitewsi, kienet tmiss ma' triq (illum hija wesgħa bl-isem ta' Misraħ Giovanni F. Abela). Carmelo Gusman bigħ l-arja tal-*garage* bl-isem ta' *St Paul* lil Charles Spagnol, l-għarus ta' bintu Tessie (waħda mill-imħarrkin) f'April tal-1970;

"Illi għall-ħabta tal-bidu tal-2004, l-atturi qiegħdu r-remissa *St Paul* għall-bejgħ, u, minħabba li l-imħarrek Mario Gusman kien jikri l-kantina tiegħu, l-imħarrkin għamlu ttiftix u marru jkellmu lin-Nutar Sceberras Trigona. Dan kien għarrafhom li, skond il-kuntratt, l-art kien ħadha b'efitewsi missierhom u għalhekk kienet tiegħu. F'Diċembru tal-2005, l-imħarrkin għarrfu lil Joseph Aquilina biex ma jibqax jiġbor aktar il-kera li tidħol mill-kirjiet tar-remissa, u li dak li laħaq ġabar kellu jibgħathielhom ukoll;

"Illi wħud minn ulied Carmelo Gusman (l-imħarrkin Tessie Spagnol, Mario Gusman u Sandra Debono) għamlu dikjarazzjoni *causa mortis* oħra fit-23 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Sceberras Trigona, li biha "sewwew" dikjarazzjoni ħażina li huma kienu għamlu fl-ewwel dikjarazzjoni *causa mortis* dwar ir-remissa li missierhom kien bigħ lil Gomez Blanco fl-1963, u qalu li, fis-sewwa, riedu jirreferu għar-remissa bl-isem ta' *San Pawl*, li huwa l-post mertu ta' dan il-każ;

"Illi f'Ġunju tal-2006, infetħet din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ, tajeb li jingħad li l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-element tar-rappreżentanza indiretta li missier l-imħarrkin jingħad li kellu meta kiseb l-art b'enfitewsi fl-interess tal-awtur tal-atturi, Pawlu Mercieca;

"... ... ...

"Illi d-duttrina ilha tqis il-*prestanome* bħala mandatarju u ħaġa waħda, l-iżjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant. Kemm hu hekk, huwa biss f'għajnejn it-terzi persuni li din ir-rappreżentanza ma tidherx (billi l-mandatarju ma jiddikjarax li qiegħed jidher f'isem il-mandant tiegħu) u għalhekk tissejjaħ rappreżentanza indiretta;

"Illi l-bażi tar-rappreżentanza indiretta tingħaraf minn dik diretta fejn il-mandatarju fid-dieher juri li jkun daħal għal negozju ma' ħaddieħor f'isem u fl-interess ta' min ikun ħatru. ... ... ...

"Illi l-liġi tagħna tagħraf u tagħti saħħa lil dik iċ-ċirkostanza fejn, minkejja dak li jopprovdi l-artikolu 999(1) tal-Kodiċi Ċivili u għaliex jipprevalu r-regoli speċjali tal-kuntratt tal-mandat, persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb ġid taħt isimha imma fl-interess ta' min ikun ħatarha tagħmel hekk;

"Illi huwa stabilit li, biex jingħata mandat bħal dan, m'hemmx għalfejn li jkun bil-miktub u l-liġi speċjali li tħares dan il-kuntratt dan tgħidu ċar, b'mod li lanqas ma hija meħtieġa l-kitba biex persuna taħtar lil persuna oħra biex tikseb ġid immobbli f'isimha. Jeħtieġ, madankollu, li l-mandat ikun wieħed espress u mhux biss impliċitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f'ħatra bħal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piż li jippruvaha kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba biżżejjed biex toqgħod għall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawża ta' xejra ċivili;

"Illi l-effett tal-kisba ta' ġid minn *prestanome* huwa dak li l-ħaġa ssir tal-mandant minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju. ... ... ...;

"Illi wara li l-qorti fliet sewwa l-provi mressqa u kejlithom mal-kriterji legali li għadhom kemm issemmew, issib li tassew jirriżulta li Carmelo Gusman kien aġixxa ta' mandatarju *prestanome* ta' ħatnu Pawlu Mercieca. Huwa minnu li Pawlu Mercieca ma setax jitressaq biex jixhed dwar il-ħatra speċifika, għaliex il-kawża kellha tinbeda bosta snin wara mewtu. Imma l-qorti ssib li hemm ġabra ta' ċirkostanzi fattwali ċari u univoċi li ma jħallu l-ebda dubju dwar din il-fehma tagħha

"Illi fl-ewwel lok, u ewlenija fosthom, hija l-imġiba tal-istess Carmelo Gusman. Dan il-bniedem kien il-mandatarju u b'imġibtu kemm waqt u fiż-żminijiet tal-kuntratt u kif ukoll wara l-kuntratt matul ħajjet Pawlu Mercieca, wera bla ħabi ta' xejn li kien jagħraf li l-art kisibha f'isem Pawlu Mercieca. Fit-tieni lok, tressqu provi li juru li Mercieca ipprovda l-flus għall-kisba tal-art. Fit-tielet lok, wara l-mewt ta' Pawlu Mercieca, Carmelo Gusman reġa' nħatar mandatarju tal-werrieta kollha u, f'isimhom, ressaq id-denunzja tas-suċċessjoni tal-istess Pawlu Mercieca fejn stqarr li r-remissa kienet tad-*decuius*. Dan il-fatt bażilari jixhed żewġ ħwejjeġ fundamentali: l-ewwel waħda hija li Gusman baqa' jagħraf il-mandat u jtennih; it-tieni waħda hi li l-fehma tiegħu kienet għal

kollox kontra dik ta' persuna li trid tiċħad l-eżistenza tal-mandat u żżomm il-ħaġa bħala tagħha;

"Illi, fir-raba' lok, wara li nbniet ir-remissa, kien Pawlu Mercieca li kien jinqeda biha u kull min xtaq imqar jużaha kien jitolbu l-permess. Saħansitra meta l-imħarrka Tessie Gusman kienet riedet tixtri l-arja tal-istess remissa, kienet kellmet lil zijuha Pawlu Mercieca. L-istess għamel l-imħarrek Mario Gusman qabel ma seta' juża l-kantina tagħha bħala *workshop* għalih. Id-dħul tal-kerjiet – fosthom tal-istess imħarrek Mario Gusman – kien iżommu kollu Pawlu Mercieca, u Carmelo Gusman la qatt ingħata sehem minnha u lanqas intwera li kien ressaq talba għal daqshekk. Fil-ħames lok, wara l-mewt ta' Mercieca, il-kerjiet kienu jinqasmu bejn ħutu u wliedhom u l-ebda parti minnhom ma kienet tinżamm minn Carmelo Gusman. Fis-sitt lok, meta mietet it-tieni mara ta' Carmelo Gusman, Franġiska Saverja (omm l-imħarrkin), is-sehem tagħha mir-remissa kien imfisser bħala sest ($^{1}/6$) li jaqbel mas-sehem tagħha mill-wirt ta' ħuha Pawlu. Fis-seba' lok, l-imħarrkin infushom, sal-2005, kienu għadhom jemmnu li r-remissa kienet tassew ta' zijuhom Pawlu u mhux ta' missierhom Carmelo Gusman;

"Illi b'dawn ir-riżultanzi ewlenin u oħrajn li joħorġu wkoll mill-atti, imma li mhux il-każ li jissemmew kollha, il-qorti ssib li tressqu provi tajbin biżżejjed biex bihom tasal għall-fehma li dak inhar tal-konċessjoni enfitewtika tal-1960, Carmelo Gusman kien qiegħed jidher fuq l-att bħala mandatarju ta' Pawlu Mercieca, u, sa dan ir-rigward, il-pretensjoni dedotta fl-ewwel talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa'."

3. Il-konvenuti appellaw iżda din il-qorti b'sentenza tat-28 ta' Frar 2014 ["is-sentenza attakkata"] ċaħdet l-appell għal raġunijiet li fissrithom hekk:

"Bażikament, l-appell tal-konvenuti fil-meritu jolqot l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti, tant illi huma jgħidu illi ma jaqblux li teżisti ġabra ta' ċirkostanzi fattwali ċari u univoċi li tassigura t-teżi attriċi.

"Trattat l-appell, din il-qorti tibda biex tgħid li l-ewwel qorti għamlet enunċjazzjoni korretta tal-prinċipji legali li jirregolaw azzjoni simili, magħrufa bħala azzjoni *mandati directa*, u r-rakkolta ta' duttrina u ġurisprudenza in matrerja li għamlet l-ewwel qorti mhux meħtieġ li tiġi ripetuta f'din il-parti tas-sentenza. Li jista jingħad b'żjieda ma' dak li qalet l-ewwel qorti hu li jekk kienx hemm jew le mandat hija kwistjoni ta' fatt, u l-analiżi tal-provi prodotti f'dan il-kuntest hija, in ġenerali, mħollija f'idejn il-ġudikant li qed jisma' l-każ, u din il-qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, mhux soltu li tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet qorti ta' prim'istanza tal-fatti.

"Din il-qorti tara li kollox ma' kollox l-ewwel qorti għamlet apprezzament korrett tal-fatti li kellha quddiemha u li jiġġustifikaw akkoljiment tat-teżi attriċi. L-ewwel qorti indikat seba' punti li kollha, separatament u

kumulattivament, jikkonfermaw il-ħsieb ta' Carmelo Gusman li jixtri l-proprjetà in kwistoni f'isem ħatnu Pawlu Mercieca. Il-konsiderazzjoni li kien Pawlu Mercieca li ħareġ il-flus għall-akkwist, u li meta miet dan Pawlu Mercieca kien Carmelo Gusman stess li irrediġa d-denunzja ta' ħatnu u irreġistra li l-garaxx kien ta' Pawlu Mercieca, żgur għandhom jikkonfermaw din it-talba. Il-konvenuti appellanti jgħidu li meta l-għarus ta' Tessie Spagnol xtara l-arja tal-garaxx, il-kuntratt sar ma' Carmelo Gusman mhux ma' Pawlu Mercieca. Dan hekk kellu jsir għax il-garaxx, sa dak il-mument, kien jidher fuq isem Carmelo Gusman u mhux fuq isem Pawlu Mercieca; però, mill-provi jirriżulta li l-permess għax-xiri tal-arja ttieħed mingħand Pawlu Mercieca u mhux mingħand Carmelo Gusman. Wara l-akkwist tal-art, kien hemm żmien twil mhux ħażin meta kulħadd kien iqis il-garaxx bħala li jappartjeni lil Pawlu Mercieca u kien wara l-mewt ta' Carmelo Gusman li kien hemm min beda jara l-affarijiet mod ieħor.

"… … …

"Din il-qorti hija altru milli konvinta li l-fond in kwistjoni nxtara minn Carmelo Gusman bħala mandat[arju] *prestanome* ta' ħatnu Pawlu Mercieca. Il-fehma tal-familja kollha kienet li hekk kien sar, u meta, wara l-mewt ta' Carmelo Gusman, saru r-riċerki meħtieġa mill-eredi tiegħu, u dawn "skoprew" li ċ-ċens kien igħajjat lil Carmelo Gusman, f'daqqa waħda bdew jippretendu li l-fond huwa tagħhom. Iċ-ċirkostanzi però jindikaw b'mod ċar li ċ-ċens tal-garaxx kien ta' Pawlu Mercieca, u din il-qorti tara wkoll li dan l-appell hu wieħed frivolu u vessatorju u intiż biex jinki lill-atturi u attentat biex itellef lill-atturi minn dak li hu tagħhom."

4. Il-konvenuti qegħdin issa, b'rikors tal-11 ta' April 2014, jitolbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza appellata li, igħidu l-konvenuti, applikat il-liġi ħażin. L-atturi wieġbu għal dan ir-rikors fit-2 ta' Mejju 2014 u fissru għala fil-fehma tagħhom it-talba għat-tħassir tas-sentenza għandha tiġi miċħuda.

5. Il-konvenuti fissru hekk ir-raġuni għat-talba tagħhom għat-tħassir tas-sentenza:

"... ... ... din il-qorti naqset li tapplika żewġ artikoli tal-liġi li huma l-artikoli 998 tal-Kap. 16 u l-artikolu 1002 tal Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Illi l-artikolu 998 tal-Kap. 16 jghid illi:

> ""Għandu jitqies illi wieħed wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, u għal dawk illi minnu ġejjin il-jeddijiet

> tagħhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim."

"Illi l-artikolu 1002 tal-Kap. 12 igħid is-segwenti:

> ""Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

"Illi din il-qorti telqet mill-*punto di partenza* żbaljata meta applikat il-prinċipji ġenerali tal-bilanċ ta' probabilità mingħajr ma applikat dawn iż-żewġ artikoli. Qiset il-kuntratt u l-provi kollha miġbura fuq l-istess kejl fis-sens illi qiset il-kuntratt ta' trasferiment bħala prova li tista' tiġi kontradetta minn testimonjanza *viva voce* (jew *affidavit*) u dokumenti ulterjuri. Fil-fatt dan huwa proprju dak li huwa espressament projbit *ex lege* mill-artikolu 1002 tal-Kap. 12 [*recte*, 16].

"Illi in effetti jiġi enfasizzat illi fil-kuntratt m'hemm imkien indikat illi r-ritrattand Vincent Gusman deher fil-kwalità tieghu ta' mandatarju. Kieku din il-qorti applikat dawn l-artikolu hawn fuq ċitati kien ikun meħtieġ grad ferm ogħla ta' prova minn dik prodotta biex tirnexxi l-azzjoni tar-ritrattati. Dan ifisser illi *in vista* ta' dawn l-artikoli hawn fuq ċitati l-qorti ma setgħetx legalment tasal għal tali konklużjoni.

"Illi jrid jiġi ċċarat illi hawnhekk *non si tratta* ta' interpretazzjoni ħażin ta' liġi però nuqqas ta' applikazzjoni ta' ligi *in toto* u dan kif ser jiġi spjegat. In effetti għalhekk ir-ritrattandi mhux qed jittentaw jargumentaw illi l-qorti għamlet applikazzjoni ħażin ta' liġi ġusta li tkun allura tammonta għal interpretazzjoni żbaljata. Huwa paċifiku illi din ma kinitx tkun kawżali li għaliha tista' tapplika l-artikolu 811(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-ġurisprudenza tagħna. Qed jiġi sottomess illi l-qorti kienet prekluża milli tiddeċiedi favur it-teżi tal-atturi ritrattati proprju mill-artikoli fuq ċitati."

6. Il-konvenuti mela jibdew billi jgħidu illi l-qorti kien messha applikat l-art. 998 tal-Kodiċi Ċivili. Dak l-artikolu joħloq presunzjoni – "għandu jitqies ..."; "*every person shall be deemed* ..." fit-test ingliż – illi min jintrabat b'obbligazzjoni jkun qiegħed jorbot lilu nnifsu u lis-suċċessuri tiegħu. Għalhekk il-*punto di partenza* kien – kif tajjeb qisitu l-ewwel qorti u kif qisitu wkoll din il-qorti fis-sentenza attakkata – illi l-utli dominju tal-fond *de quo* kien inkiseb mill-awtur tal-konvenuti f'ismu u mhux f'isem ħaddieħor. Din il-presunzjoni iżda tista' tingħeleb u kien appuntu

għalhekk illi saret il-kawża: biex tingħeleb il-presunzjoni illi l-awtur tal-konvenuti xtara mhux għalih iżda għall-awtur tal-atturi. L-oneru tal-prova għalhekk kien fuq l-atturi u, ladarba din hija kawża ċivili, sewwa qalet l-ewwel qorti illi "din il-prova trid tkun tajba biżżejjed biex toqgħod għall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawża ta' xejra ċivili". Ma huwiex minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi kien "meħtieġ grad ferm ogħla ta' prova minn dik prodotta", għalkemm għandu jingħad (għalkemm mhux meħtieġ għall-għanijiet ta' din is-sentenza tallum) illi x-xiehda kienet tassew konvinċenti u konklużiva.

7. Ladarba l-ewwel qorti sabet, u din il-qorti fis-sentenza attakkata qablet magħha, illi l-provi kienu juru b'mod konvinċenti illi l-utli dominju nkiseb mill-awtur tal-konvenuti f'isem u fl-interess tal-awtur tal-atturi, il-konklużjoni kienet illi l-presunzjoni tal-art. 998 ingħelbet.

8. Effettivament, għalhekk, kontra dak li jgħidu l-konvenuti, is-sentenza attakkata applikat il-liġi tajba meta sabet illi ngħelbet il-presunzjoni li l-proprjetà kienet inkisbet mill-awtur tal-konvenuti għalih u għas-suċċessuri tiegħu.

9. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi s-sentenza attakkata naqset li tapplika l-art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili.

10. L-art. 1002 huwa regola ta' interpretazzjoni. Il-qorti fil-kawża tallum iżda ma kinitx imsejħa biex tinterpreta l-kuntratt bejn l-awtur tal-konvenuti u terzi li bis-saħħa tiegħu nkiseb l-utli dominju, iżda kienet

imsejħa biex tiddeċiedi fuq l-eżistenza ta' kuntratt ta' mandat bejn l-awtur tal-atturi bħala mandant u l-awtur tal-konvenuti bħala mandatarju. Huwa għalhekk irrelevanti dak li jgħidu l-konvenuti "illi fil-kuntratt [*sc.* ta' enfitewsi] m'hemm imkien indikat illi ... Vincent Gusman deher fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju".

11. Ma huwiex minnu għalhekk illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin billi applikat liġi li ma tgħoddx għall-każ jew naqset milli tapplika liġi li tgħodd għall-każ kif irid l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tista' titħassar is-sentenza attakkata.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata.

13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti. Billi wkoll hija tal-fehma illi r-rikors tal-konvenuti kien wieħed għalkollox fieragħ, maħsub biss biex idewwem l-għoti tar-rimedju lill-atturi, il-qorti wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elf euro (€1,000) b'żjieda ma' dawk ordnati fis-sentenza attakkata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------